# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. Nru. 994/00GV**

**John Borg u Raphael Borg**

**vs**

**Andrew Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi ghamlu xoghol ta' soffitti, gypsum u zebgha fuq inkarigu tal-konvenut kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok. JRB1;

Premess illi l-konvenut ghad fadallu jhallas il-bilanc ta' elf hames mija u tmien liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,508.86), u dan kif jirrizulta mill-istess Dok. JRB1;

Premess illi mea l-konvenut gie debitament interpellat biex ihallas l-ammont dovut minnu huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq f'din il-kawza, li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq

tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf hames mija u tmien liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,508.86) bilanc dovut ghall-xoghol ta' soffitti, gypsum u zebgha fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2000 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1521/00 u tal-mandat ta' qbid numru 1522/00, u bl-imghax fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-avukat tal-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**